MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1946/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alan Meilak (ID432879M) sija bil-polza u sija bil-Ligi, kif ukoll l-istess Alan Meilak**

**vs**

**Adrian Agius (ID374978M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Ottubru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sitt liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm306.32) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-28 ta' Novembru, 2003, fi Triq Sant Anna k/m Triq Stivala, Mosta, bejn il-vettura bin-numru OPE-178 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura bin-numru ALN-979 misjuqa minn u proprjeta` ta' l-**

**assikurat tas-socjeta` attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza « comprehensive » mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura tal-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.**
**Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Lulju, 2004, il-konvenut baqa' inadempjenti.**
**L-ammont mitlub jinkludi s-somma ta' mitt lira (Lm100.00) bhala excess imhallsa mill-assikurat tas-socjeta` attrici, Alan Meilak, li kien assikurat taht polza « comprehensive » mas-socjeta` attrici.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju, 2004, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax pagabbli mid-19 ta' Lulju, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-1 ta' Frar, 2005, fejn intqal illi :**
**i. It-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza.**
**ii. Illi jsegwi ghalhekk illi ma ghandux, il-konvenut, jigi kkundannat ihallas danni.**
**iii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' PS1096 Edmund Cuschieri, Alan Meilak, Claire Barbara, Philip Zammit u Adrian Agius. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
1. **Illi l-kaz jirrigwarda kolizzjoni illi sehhet fit-28 ta' Novembru, 2003, fit-Triq Sant Anna k/n Triq Stivala, Mosta. Il-kolizzjoni sehhet bejn il-vettura numru ALN-**

**979 misjuqa minn Alan Meilak u l-vettura numru OPE-178 misjuqa mill-konvenut.**

2. **Skond ir-road accident report Dok GMI6 l-attur stqarr li kien nizel Triq Sant Anna, meta l-konvenut baqa hireg minn fuq Stop Sign li jinsab fit-Triq Stivala. Il-konvenut da parti tieghu stqarr li kien qabez ftit lis-Stop Sign meta ghadda l-attur u l-konvenut laqtu fuq wara.**

**3. Jirrizulta illi kien hemm Stop Sign minn fejn kien hireg il-konvenut u skond il-konvenut hu kien hireg bil-mod. Il-versjoni tal-attur tinstab korroborata minn Claire Barbara illi tikkonferma li ma kienux ghaddejin b'velocita u li kienu qabzu Triq Stivala meta qalu d-daqqa. Id-daqqa l-attur qalaha bejn ir-rota ta' wara u l-bumper.**

**4. Kif retenut fis-sentenza Maggur Alfred Stagno Navarra vs Nichola Saliba et V.XLV. p.389 gie ritenut: « is-side road user ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha, u li jimxi dead slow, u sahansitra li jwaqqaf, biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. »**

**5. Ghalhekk ma hemmx dubju illi, anke in vista tal-fatt illi l-attur intlaqt fuq wara, li l-htija ta' din il-kolizzjoni hi kollha tal-konvenut li ma wzax id-debita diligenza hu u hireg minn fuq Stop Sign.**

**6. Id-danni jirrizultaw provati fl-ammont mitlub skond ma jirrizulta mis-survey report Dok GMI1 u mir-ricevuti Dok GMI2 sa Dok GMI5.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal isib lill-konvenut unikament responsabbli ghal incident li sehh u jikkundanah ihallas lis-socjeta attrici GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' mitejn u sitt liri maltija u tnejn u tletin centenzmu (Lm206.32c) u lill-attur Alan Meilak is-somma ta' mitt lira maltija (Lm100.00), ilkoll bl-imghaxijiet mid-19 ta' Lulju, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju, 2004, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-**

**assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sapportati interament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------